**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000027/2014**
**lill-Kummissjoni**
Artikolu 115 tar-Regoli ta’ Proċedura
**Jean Lambert, Nikos Chrysogelos, Franziska Keller, Hélène Flautre, Judith Sargentini**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Suġġett: Respinġimenti 'l barra mill-kosta tal-Greċja (Farmakonisi) li rriżultaw fil-mewt ta' rifuġjati

Hekk kif il-Greċja assumiet il-Presidenza tal-UE, dgħajsa li kienet qiegħda ġġorr 26 Afgan u 2 Sirjani nqalbet 'il barra mill-kosta tal-Greċja (viċin il-gżira ta' Farmakonisi) waqt li kienet qiegħda tiġi rmunkata mill-gwardja tal-kosta Griega, apparentement lejn it-Turkija, fatt li rriżulta f'2 imwiet u 10 persuni ma nstabux. Is-superstiti rrapportaw li d-dgħajsa tal-gwardja tal-kosta Griega kienet qiegħda żżid il-veloċità u li l-gwardji tal-kosta Griegi ppruvaw effettivament jipprevjenu lir-rifuġjati milli jitilgħu fuq id-dgħajsa tagħhom billi tawhom daqqiet ta' sieq biex jitfgħuhom lura l-baħar.

Il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati u l-Kummissarju tal-Kunsill tal-Ewropa għad-Drittijiet tal-Bniedem tennew l-appelli tagħhom lill-Greċja biex ittemm it-tkeċċijiet kollettivi, u l-NGOs internazzjonali (ProAsyl u Amnesty) huma fil-pussess ta' provi li l-gwardji tal-fruntiera u tal-kosta Griegi jwettqu regolarment operazzjonijiet ta' respinġiment ("push-backs"). Skont ir-rapporti, in-nies li qegħdin ifittxu protezzjoni fl-Ewropa qegħdin jiġu sistematikament u brutalment impediti milli jidħlu fit-territorju Grieg. Ir-rifuġjati qegħdin jiġu msawta mill-awtoritajiet Griegi, esposti mill-ġdid għall-elementi f'dgħajjes mhux idonei għat-tbaħħir fl-ibħra miftuħa u jitneħħewlhom il-flus, it-telefons ċellulari u d-dokumenti ta' identità. L-awtoritajiet Griegi ma jivverifikawx jekk in-nies għandhomx bżonn protezzjoni. Kważi dawn il-vjolazzjonijiet kollha tad-drittijiet tal-bniedem qegħdin jiġu kommessi fi ħdan iż-żona ta' operazzjoni ta' Frontex (l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-UE).

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq:

1. Kif se tiżgura l-Kummissjoni li jsiru l-investigazzjonijiet ta' dawn il-provi ta' respinġimenti sistematiċi u ta' vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem min-naħa tal-awtoritajiet Griegi? Il-Greċja ħadet provvedimenti dixxiplinari adegwati kontra l-gwardji tal-fruntiera u tal-kosta li kisru d-drittijiet fundamentali tar-rifuġjati jew l-obbligi ta' protezzjoni internazzjonali u, jekk fl-affermattiv, b'liema mod u f'kemm-il każ?

2. Il-Kummissjoni sejra tinvestiga r-rwol tal-UE u tal-aġenziji tagħha bħala kompliċi tar-respinġimenti u tal-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem mal-fruntieri esterni tal-UE?

3. Il-Kummissjoni tqis li Frontex imissha tissospendi l-operazzjonijiet mal-fruntiera bejn il-Greċja u t-Turkija u fil-Baħar Eġew minħabba vjolazzjonijiet gravi tad-drittijiet tal-bniedem kif imsemmi fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Frontex?

Imressqa: 29.1.2014
Mgħoddija: 31.1.2014
L-iskadenza għat-tweġiba: 7.2.2014